NEWSPAPER POST



# Il-Belt Victoria

Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex

*Marzu - April 2005* *Nru 143*



## *Messaġġ lill-qarrejja mill-Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia*

### JIEM TA' ĠRAJJIET KBAR FIL-KNISJA

Il-Mulej ma jabbanduna qatt il-Knisja Kattolika u dejjem iġeddidha. Il-mewt tal-Papa Ġwanni Pawlu II, u s-suċċessjoni tiegħu fil-kattedra ta' Pietru huma okkażjoni ta' tiġdid għall-Knisja. Min jaf kemm saru konverżjonijiet, kemm tnisslu vokazzjonijiet ġodda, kemm sar tisħiħ fil-fidi u kemm ħassew ruħhom evanġelizzati bnedmin bix-xhieda li ta l-Papa fl-agunija u l-mewt qaddisa tiegħu! Min jaf kemm se jkun ta' ġid għall-Knisja, ġid imprevedibbli imma ġid żgur, il-Papa l-ġdid, dak li l-Mulej se jagħżel biex ikompli l-missjoni ta' l-appostlu Pietru fostna! Dawn li qed ngħixu huma jiem li fihom għandna nitolbu biex il-Knisja tibqa' f'rabta sħiħa mal-Mulej lit ant iħobbna.

### JUM IL-MARTRI L-KBIR TA' KRISTU

Nhar is-Sibt, 23 ta' April, l-Insara mxerrdin mad-dinja kollha jfakkru l-martirju ta' San Ġorġ. F'din it-tifkira liturġika rridu ningħaqdu aħna wkoll li fil-gżira ta' Għawdex, sa mill-qedem, lil San Ġorġ ngħodduh bħala l-Protettur li għandna fis-sema. Waqt li niltaqgħu fil-bażilika Ġorġjana sabiex nuruh imħabbitna, ejjew f'dawn il-jiem drammatiċi nitolbu għall-Knisja li San Ġorġ evanġelizzaha bil-passjoni u l-mewt tiegħu. Il-vera talba għall-Knisja hija dik ta' l-imħabba. Inħobbuha l-Knisja! Inħobbuh il-Papa, u flimkien miegħu, inħobbu wkoll l-isqof u s-saċerdoti. Il-martirju ta' San Ġorġ kien att ta' mħabba għalihom fi żmien li fih il-Knisja kienet għaddejja minn persekuzzjoni kbira. M'aħna qed ngħixu fi żmien wisq differenti!

### KWARANTURI FIS-SENA EWKARISTIKA

L-aħħar jumejn t'April u l-1 ta' Mejju huma l-jiem tal-Kwaranturi Mqaddsa, tlett ijiem ta' adorazzjoni quddiem Ġesù, solennament espost fuq l-altar il-kbir tal-bażilika. L-adorazzjoni ssir, bħalma tixtieq il-Knisja, bħala għemil kontinwat mal-Quddiesa. Il-

*ikompli f'paġna 8*



# IL-BELT VICTORIA

*Rivista ta' kull Xahrejn*





*Uffiċċju Editorjali:* **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.**
Tel: 21 55 63 77 • Fax: 21 55 69 81
email: info@stgeorge.org.mt
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM


## Membri Ġodda fil-Komunità Parrokkjali

19.02.05: **DION**, iben Martin Xuereb u Ruth nee' Schembri
27.02.05: **MARIA CATERINA**, bint Giovanni Casarini u Sandra nee' Cassar
05.03.05: **KATYA**, bint Duncan Genuis u Joyce-Ann nee' Sultana
13.03.05: **BRANDON**, iben Mario Camilleri u Georgina nee' Ellis
19.03.05: **ZOE**, iben George Cauchi u Yvonne nee' Micallef
26.03.05: **GIANFRANCO**, iben Thaddeus Gatt u Nathalie nee' Ellis
31.03.05: **MAYA**, bint Jeffrey Bonnici u Jacqueline nee' Debono
02.04.05: **KRISTA** u **KARL**, ulied Daniel Curmi u Carmen nee' Grech
03.04.05: **TIMOTHY**, iben Michael Pace u Maureen nee' Sacco

## Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ

06.03.06: Joseph Schembri u Laura Vella
02.04.05: Felix Camilleri u Sonia Cauchi

## Marru Jingħaqdu ma' Kristu Rxuxtat

21.02.05: Ġużeppa Grech
05.03.05: Carmena Galea
28.03.05: Carmelo Scerri

## DONAZZJONIJIET

George Grech (St.Venera) - Lm5; John Borg (Canada) - 20$
Mgr. Alfred Xuereb - 50 Euros; Rita Zammit (Awstrajla) - 600 AUS$
Joe Galea (USA) - 20 US$; EmanuelZammit (Awstralja) - 500 AUS$;
Joseph Galea (Nadur) - Lm2; Gigi Said (Awstralja) - 50 AUS$

## "DEJJEM F'QALBNA"




Ġabra ta' poeżiji, innijiet, marċijiet u dramm mużikali dwar SAN ĠORĠ, miktub mill-Kan Joe Mejlak.

Il-ktieb mżewwaq b'madwar 60 ritratt bil-kulur, ikun f'idejkom fit-23 t'April 2005, festa liturġika ta' San Ġorġ.

Aħsbu għal kopja għalikom u għall-emigranti tagħkom mill-Uffiċċju Parrokkjali. Prezz Lm2.

## LOURDES 2005

Pellegrinaġġ ieħor organiżżat mill-Parroċċa
*Tluq:* **Il-Ġimgħa 29 ta' Lulju 2005**
*Lura:* **Il-Ħamis 4 t'Awissu 2005**
*Inżuru wkoll:* **Bartres, Pont D'Espagne, Luchon u Val D'Aran (Spanja)**

Booking fl-Uffiċċju Parrokkjali jew Mons Salv Borg

# *Editorjal*

## PAPA KBIR

Hekk kif tħabbret il-mewt tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Giovanni Pawlu II id-dinja kollha splodiet fi kliem ta' tifħir u apprezzament għall-ħidma li huwa wettaq matul is-27 sena sena li dam jokkupa l-Katedra ta' San Pietru.

Il-Papa Giovanni Pawlu II kien il-Papa li wera fiduċja kbira fiż-żgħażagħ għax minnhom jiddependi l-futur tal-Knisja ta' Kristu. Matul il-Pontifikat tiegħu deher ċar mill-ewwel kemm kellu għal qalbu l-ġenerazzjoni żgħażugħa. Tkellem magħhom. Iddiskuta magħhom. Feraħ magħhom. Bil-ġesti tiegħu, anke meta kien qed ġa isofri, mela liż-żgħażagħ bil-kuraġġ biex jaffrontaw il-problemi tad-dinja moderna bil-għajnuna tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu u bil-qawwa li tista' tagħtihom l-Imqaddsa Verġni Marija.

Il-Papa Giovanni Pawlu II kien il-Papa li kienet tafu u tagħrfu d-dinja kollha. Bil-vjaġġi tiegħu ried iwassal il-messaġġ nisrani f'kull pajjiż li żar. Ġie milqugħ u mogħti ġie kull fejn mar. Ġie mismugħ u apprezzat mill-ġnus kollha. Kliemu dejjem kien kliem ta' inkoraġġiment lil kulħadd: tfal, żgħażagħ, morda, anzjani, ġenituri u oħrajn.

Il-Papa Giovanni Pawlu II kien il-Papa li ħa ħsieb li d-Duttrina tal-Knisja Kattolika qatt u bl-ebda mod ma tkun imxellfa. Żamm dejjem sod fit-tagħlim tiegħu kif jidher mill-Enċiklići li huwa ppubblika matul il-Pontifikat kbir tiegħu.

Kien ukoll il-Papa li ħadem bla waqfien għall-paċi fid-dinja u għad-drittijiet umani. Ma kienx jibża' isemmi dan il-punt, anke meta kien qed iżur pajjiżi fejn kien għad hemm ċaħdu tagħhom. Kien il-Papa li ċarrat il-purtiera tal-ħadid li kienet tifred lvant mill-punent u b'hekk ħadu in-nifs ħafna u ħafna popli li kienu għadhom imjassrin.

Aħna ċerti li l-Mulej Alla laqgħu fi ħdanu u ħaddnu miegħu għax-xogħol kbir li huwa wettaq għall-umanta' kollha.

# Jum San Ġorġ ta' 64 sena ilu

*Minn* **Dun Ġużepp Gauci**

Kien fl-1870, fi żmien l-Arċipriet Feliċ Refalo, li l-Festa ta' San Ġorġ Martri, Patrun tal-Belt Victoria u ta' l-Għawdxin kollha, Ġiet trasferita għar-raba' Ħadd wara l-Għid. F'dik is-sena saret il-Ħadd 15 ta' Mejju. Kif nafu, imbagħad, fl-1953, il-festa ta' San Ġorġ ġiet trasferita għat-tielet Ħadd ta' Lulju, kif għadha ssir sa 'llum. Fl-1953 kien diĠa sar it-Tridu bi tħejjija għall-Festa li kellha tkun fit-3 ta' Mejju, Iżda s-Sibt, 2 ta' Mejju, minħabba maltemp li ħakem il-gżira tagħna, sar il-ftehim dwar it-trasferiment, u b'hekk saret għall-ewwel darba fid-19 ta' Lulju 1953.

Il-Festa ta' San Ġorġ baqgħet dejjem tikber minn sena għal oħra. Matul il-jiem tal-festa, seħħew ġrajjiet ta' importanza u ġew imfakkrin dati glorjużi kemm f'relazzjoni mal-Qaddis Megalomartri, kif ukoll ma' l-istorja tal-Parroċċa ta' Għawdex, il-Bażilika San Ġorġ Martri. F'din il-kitba tiegħi mhux se nitkellem mill-Festa ta' San Ġorġ b'mod ġenerali, bil-popolarità u s-solennità tagħha, iżda ser nagħti xi tagħrif qasir dwar il-Festa ta' San Ġorġ tas-sena 1941, fil-qalba tat-Tieni Gwerra Dinjija. Dak in-nhar il-Festa ta' San Ġorġ, fil-Belt Victoria saret fil-11 ta' Mejju. Għażilt li nikteb dwar il-Festa tal-1941, għax dik hi d-data ta' twelidi li Ġara ftit wara din il-festa, fl-24 ta' Ottubru.

Il-mibki Ġorġ Scicluna, f'artiklu fil-"The Sunday Times of Malta" tat-18 ta' Mejju 1941, il-Ħadd ta' wara l-festa, fisser Jum San Ġorġ ta' dak in-nhar bħala, "*a day of National prayer in Victoria*", u kompla jfisser kif dan il-jum għadda kważi mingħajr it-tfixkil tal-krib ta' l-ajruplani fis-sema ta' pajjiżna. Il-Korrispondent "Raħeb" minn Għawdex, fil-"Leħen is-Sewwa" tas-17 ta' Mejju 1941 kiteb: "*Kif l-ilsna tal-qniepen inħallu, dmugħ ta' sogħba u ta' ferħ ġelben ma' wiċċ il-Maltin kollha rifuġjati ġewwa Għawdex għax ftakru x'differenza hemm bejn leħen il-qniepen u leħen il-kanuni*".

Ġorġ Scicluna kompla jfisser li għall-Festa ta' dik is-sena la kien hemm tiżjin fit-toroq u lanqas id-daqq tal-baned, kif soltu jsir kull sena, iżda kien hemm biss " *a humming - that of fervent prayers rising incessantly to the great Soldier so that through his intercession, God will reward us with a triumphant victory over the powers of evil*". U kif ikompli jikteb l-istess



awtur, l-Għawdxin u l-Maltin, fil-gravità tas-sitwazzjoni, ħassew li għandhom Qaddis li jista' jidħol għalihom, tant li "*hundreds of people flocking to St. George's was a sight almost unparalleled with those during peace*".

Iż-żewġ korrispondenti, kemm Ġorġ Scicluna tas-"Sunday Times" u "Raħeb" tal-"Leħen is-Sewwa", għamlu riferenza għall-PaniĠierku li sar waqt il-Quddiesa Solenni ta' Jum il-Festa, mill-Agostinjan, Patri A. Pizzuto. Ġorġ Scicluna kiteb hekk: *"after expounding the noble qualities possessed by the Soldier-Saint, the well known preacher dwelt upon the present time. In his moving prayer to St. George, the preacher humbly asked him to intercede with God to preserve the glorious British Empire and England, who even bears his image on her coins..His well-chosen words touched the audience. All praise must go to the preacher who wisely adapted the sermon to the present circumstances*". "Raħeb" ta' "Leħen is-Sewwa" kiteb hekk: *"Wara l-VanĠelu tela' fuq il-pulptu l-Wisq Rev. Anġ. Pizzuto O.E.S.A., u b'kelma ħafifa biex tiftiehem mill-poplu wera l-kobor tal-Martri San Ġorġ u spiċċa biex fakkar li San Ġorġ huwa l-Protettur ta' l-Ingilterra u għalhekk qatt daqs fi żminijietna ma għandu jiġi bil-ħerqa mitlub, meta s-saltna Ingliża tinsab mhedda minn għadu qalil. B'qalbu maqsuma fakkar li l-bini sabiħ tal-ibliet tagħna, illum taħsbu ħitan tas-sejjieħ, ħitan ta' rziezet u li kif sema' wara tant żmien id-daqq tal-qniepen ġewwa Għawdex qalbu ngħafset, u wera kemm l-Għawdxin għandhom għax jibqgħu marbuta ma San Ġorġ li dejjem ħelishom minn kull hemm u deni".*

Kumment ieħor li sar miż-żewġ korrispondenti kien dwar il-Purċissjoni. Ġorġ Scicluna kiteb: "*The procession crowned the success of the day when St. George's statue, a remarkable masterpiece, was carried through the streets of Victoria*". "Raħeb" kiteb: "*Imma l-aqwa tal-festa kienet il-puċissjoni mmexxija mill-Isqof. Fiha ħadu sehem, barra mill-Kapitlu tal-Katidral, il-patrijiet kollha tar-Rabat. Kif l-istatwa artistika ta' San Ġorġ dehret fil-bieb tal-Knisja għalenija l-poplu nfexx f'għajta ta' ferħ. Iċ-ċapċip ta' l-idejn kien jinstama' minn kantuniera għal oħra. Għadd sabiħ ta' żgħażagħ ta' l-Azzjoni Kattolika, bosta Sorijiet u bosta nies oħra mxew wara l-purċissjoni jgħidu r-Rużarju.*"

Interessanti ħafna hi l-konklużjoni tal-kitba ta' Ġorġ Scicluna: "*May St. George, whom we never failed to revere, protect our motherland until a bright day will dawn when the "Modern Diocletian" and all he stands for perishes once and forever!*" Ta' min jgħid ukoll li matul il-jiem tal-Gwerra, f'Għawdex kienet tingħad Talba lil San Ġorġ Martri li fiha fost l-oħrajn, insibu: "*Kun int il-kewkba li tfarraĠna f'din it-tempesta; uri darb'oħra li għadek tħobbna; u aħna meħlusin minn tant flaġelli minnek, infaħħruk u nbierku dejjem dak il-mument li fih ġejna mqiegħda taħt il-protezzjoni tiegħek*". Din it-Talba kienet imżejna bl-Indulġenza ta' 50 Jum mill-Isqof t'Għawdex, Mons Mikiel Gonzi b'digriet tat-23 ta' Ġunju 1940 u fiha in-"Nihil Obstat" ta' Mons. Arċid. Ġużeppi Pace, bid-data ta' l-24 ta' Ġunju 1940. Din l-istess Talba, bl-Indulġenza ta' l-Isqof G.M. Camilleri tal-10 ta' Frar 1915, u bin-"Nihil Obstat" ta' Mons. Alfons M. Hili tas-16 ta' Frar 1915, kienet tingħad ukoll matul l-Ewwel Gwerra Dinjija.

Nittama li dan il-ftit tagħrif dwar Festa partikolari ta' San Ġorġ Martri, li saret fi żmien partikolari, żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, jixhed għall-fatt li missirijietna dejjem sabu f'San Ġorġ, protettur qawwi li jħarishom. Hekk ukoll għandu jkun fi żminijietna!

# L-AGUNIJA U L-MEWT TAL-PAPA ĠWANNI PAWLU II

Il-Komunita' Nisranija tal-Bażilika ta' San Ġorġ għexet f'rabta spiritwali kbira l-għrajjiet li seħħew f'konnessjoni ma' l-agunija u l-mewt tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Sa minn meta deher ċar li l-Papa kien jinsab marid gravament beda jsir talb speċjali għalih. It-tokki għall-adorazzjoni ta' l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar ta' April saru "bil-kbir" u 'l għada, is-Sibt, 2 ta' April, fuq ordni ta' l-Arċipriet, Mons Ġużeppi Farrugia, mis-7.30am 'il quddiem bdiet tindaqq l-agunija, ukoll bil-qampiena l-kbira. F'dak fl-istess ħin hu qaddes quddiesa speċjali, magħrufa bħala "tal-bon passaġġ", u l-adorazzjoni għall-Papa agonizzant saret matul il-jum kollu.



Nies qed jitolbu fil-lejla li fiha miet il-Papa

Kien ftit wara d-9.30 ta' bil-lejl, waqt li fil-bażilika kienet fgata bin-nies f'ċelebrazzjoni ta' tifħir u fejqan, li t-tokki tal-Qampiena l-Kbira, mir-ritmu li jħabbar l-agunija nbidlu f'tokki solenni u twal li ħabbru l-mewt tal-Papa. Dak il-ħin, l-Arċipriet ħaregħ fuq l-altar, kellem lill-għemgħa kbira miġbura bid-dmugħ f'għajnejha, u mexxa talba għall-Papa li kien għadu kif miet. Sadanittant mal-kampnari tal-Bażilika ta' San Ġorġ ingħaqdu dawk knejjes oħra fir-Rabat, f'mota ta' niket u talb.

Wara l-mewt tal-Papa, inħarġet kallotta użata mill-Imqaddes Missier Spiritwali tagħna u li l-Papa nnifsu kien irregalalna s-sena li għaddiet u din tqiegħdet flimkien ma' kwadru tiegħu, fuq l-altar ta' l-Erwieħ. Għall-okkażjoni tal-funeral, imbagħad, ittieħdet fuq pedestal imżejjen fuq il-presbiterju, għall-qima tal-poplu, flimkien mar-ritratt tiegħu u l-bandiera tas-Santa Sede bit-turija tradizzjonali ta' luttu. Immedjatament bdew jinxtegħlu bosta xemgħat u jitqiegħed il-ward, u kienu ħafna li b'devozzjoni messew il-kuruna jew ħwejjeġ għeżież ma' din ir-relikwa għażiża tal-Papa li hu diġa' meqjus minn kulħadd bħala qaddis. Barra minn dawk taċ-Ċentru Parrokkjali u ta' l-Istazzjon tar-Radju, ittellgħu ukoll, aktarx għall-ewwel darba fl-istorja tagħhom, il-bnadar tal-kampnar mezz'asta.

Imbagħad, il-Ħadd, 10 ta' April, saret konċelebrazzjoni solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-Kleru, li ġiet ippreseduta mill-Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia. Fiha ħa sehem il-Kor 'Laudate Pueri' taħt id-direzzjoni ta' Dun George Frendo. Tqassmu wkoll tliet xorta ta' santi kommemorattivi bil-kelmiet: "Tifkira tal-Konċelebrazzjoni Solenni b'suffraġju tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II, 10 ta' April 2005."






Konċelerazzjoni b'suffraġju tal-Papa, il-Ħadd, 10 ta' April 2005



Xemgħat jixgħelu quddiem ir-relikwa u x-xbieha tal-Papa.

# L-OMELIJA TA' L-ARĊIPRIET, MONS ĠUŻEPPI FARRUGIA, WAQT IL-KONĊELEBRAZZJONI B'SUFFRAĠJU TAL-PAPA ĠWANNI PAWLU II

## *Il-Ħadd, 10 ta' April 2005*

Ibqa' magħna – *mane nobiscum* - Imqaddes Missier tagħna, b'imħabbtek. Ibqa' magħna, permezz tax-xhieda għall-Vanġelu li tajtna f'ħajtek. Ibqa' magħna, fit-tagħlim sod, u li stajna nifhmu, li ħallejtilna b'wirt tiegħek.

Din hi t-talba li tissuġġerielna nagħmlu l-Liturġija tal-Kelma tal-Quddiesa tallum, it-Tielet Ħadd ta' l-Għid. Hi t-talba li llum, aħna, is-saċerdoti u l-poplu Nisrani, irridu nagħmlulek, għażiż Imqaddes Missierna, waqt li ninsabu miġburin f'din il-knisja Lateranensi li, fost il-knejjes kollha ta' din il-gżira, propju għax spiritwalment magħquda mal-knisja katidrali tiegħek f'Ruma, tħossha bir-raġun straordinarjament magħquda miegħek.

Ibqa' magħna – *mane nobiscum* - inti awtorevolment għallimtna nitolbu f'din is-sena iddedikata minnek lill-Ewkaristija, quddiem Ġesù preżenti fl-Ewkaristija. U, propju għaliex fik naraw illustrazzjoni tal-misteru ta' mħabba sakrifikali rivelata fl-Ewkaristija, bir-raġun nistgħu nħossu li din it-talba Ewkaristika tiġbor fiha s-sentimenti ta' rabtiet ta' mħabba twila, u ta' xewqat qaddisa li l-umanità kollha li għarfitek sperimentat fil-jiem li għaddew.

Ibqa' magħna, talbet il-ġemgħa Nisranija waqt l-agunija sofferenti u twila tiegħek fl-isptar Gemelli, fl-appartamenti pontifiċji fil-Vatikan u fuq is-sodda tal-mewt qaddisa tiegħek.

Ibqa' magħna, tablet il-Knisja universali meta, is-Sibt, 2 ta' April, ftit wara d-disgħa u nofs ta' bil-lejl, Alla għoġbu jsejjaħlek għal għandu. Aħna, f'din il-bażilika, konna magħqudin spiritwalment miegħek fit-talb, fir-radd-il ħajr, fl-imħabba... u magħqudin ukoll ma' miljuni ta' Kattoliċi li talbu għalik, imxerrdin mad-dinja. U fil-belt tagħna kienet il-qampiena ta' San Ġorġ, l-akbar qampiena fost il-qniepen storiċi ta' gżiritna, li sellmet lir-ruħ tiegħek bil-leħen qaddis tagħha waqt li kienet qed tittajjar lejn is-sema.

Ibqa' magħna, talbet l-umanità kollha fil-jiem li fihom, lejn il-ġisem mejjet tiegħek, bħal trofew ta' mħabba sagrifikali espost fil-bażilika Vatikana, ġrew xmajjar ta' bnedmin imbikkma bin-niket – irġiel, nisa, tfal, anzjani u żgħażagħ.... Kemm żgħażagħ! – imbikkma mhux għax riedu jċaħħduk mill-premju li sthaqqlek fis-sema, imma għax ma ridux jitilfu x-xorti... iva, ma ridniex - għax aħna wkoll konna magħqudin magħhom permezz tat-televiżjoni - ma ridniex nitilfu l-grazzja li nkomplu naraw il-preżenza ħelwa tiegħek b'għajnejna, nisimgħu l-leħen rassikuranti tiegħek b'widnejna, nitfarrġu bil-ġesti ta' barka tiegħek li mellsu għal tant snin il-qlub tagħna.

Ħuti fis-saċedozju, poplu Nisrani: Ma stajniex ma niltaqgħux illum, ma stajniex nibqgħu lura u ma ningħaqdux f'talba liturġika għall-Imqaddes Missier tagħna Ġwanni Pawlu II li, issa, il-fdal tiegħu jinsab jistrieħ fil-kripta tal-Bażilika ta' San Pietru. Inġbarna biex niftakru, nitolbu u nroddu ħajr. Qed nagħmlu dak li tixtieq minna l-Knisja Kattolika. Qed nagħmlu dak li jridna nagħmlu l-Isqof tagħna. Qed nagħmlu dak li tobbligana nagħmlu mħabbitna lejn Ġesù li ried li Papa Ġwanni Pawlu II jkun, għal 27 sena, il-Vigarju viżibbli tiegħu fuq l-art.

Ħafna minna konna ltqajna mal-Papa pesonalment. Ħafna aktar inġmajna ma' bosta viżitaturi f'Ruma waqt xi udjenza ġenerali u hekk, ilkoll, nistgħu ngħoddu ruħna mal-miljuni ta' Kattoliċi u bnedmin ta' kull persważjoni li fittxew il-preżenza tiegħu.

Niftakar meta ltqajt personalment mal-Papa, ftit biss wara l-elezzjoni tiegħu, nhar il-festa ta' l-Immakulata, fit-8 ta' Diċembru ta' l-1978, is-sena ta' l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħi. Malli sar jaf li kont minn Malta, anzi minn Għawdex, qaleb mit-Taljan għall-Ingliż u qalli kelmiet ta' tifħir għal pajjiżna u ta' kuraġġ għall-ħajja fis-saċerdozju.

Niftakar meta ftit snin wara erġajt kont f'Ruma, din id-darba mal-Kor *Laudate Pueri* tal-bażilika, u konna kantajnielu fl-*Aula Paolo VI* u konna ppreżentajnielu doni li bihom ridna nfissru l-istima kbira tagħna lejh u ridnih jiftakar f'pajjiżna u fi gżiritna.

Niftakar meta fis-Sena tal-Ġublew il-Kbir, kont magħqud ma' rappreżentanza kbira tal-Parroċċa tagħna f'pellegrinaġġ ta' l-*Anno Santo* f'Ruma u waqt udjenza ġenerali f'Castel Gandolfo, fost il-ferħ kbir tagħna, il-Papa Ġwanni Pawlu sellmilna b'dawn il-kelmiet: "*I extend a special greeting to the pilgrims from the Parish of St George in the Diocese of Gozo, and I pray that Almighty God will bless you and your families.*" Imbagħad żied jgħaqqad magħna lil bosta pellegrini oħra: "*Upon all the English speaking pilgrims and visitors I invoke the abundant graces of Almighty God*".

Dawn huma biss xi tifkiriet li jingħaqdu ma' tagħkom, ħuti fis-saċerdozju, ħuti Nsara. Huma tifkiriet li se jibqgħu magħna u se jħeġġuna biex niġġeddu fil-Fidi tagħna, fit-tama ta' rebbiegħa dejjem aktar ġdida għall-Knisja u fl-imħabba li torbotna ma' l-Appostlu Pietru, l-isqof universali tagħna.

Ibqa' magħna, nitolbuh lill-Papa Ġwanni Pawlu II. Imma din it-talba nagħmluha fl-għarfien li l-preżenza tiegħu se tiġġedded fis-suċċessur tiegħu li, f'dawn il-jiem li ġejjin, se jissokta, bħalu u f'kontinwazzjoni miegħu, fil-missjoni ta' Pietru, is-sajjied tal-bnedmin, ir-ragħaj tal-merħla, il-missier spiritwali li jgħaqqad is-sudditi tas-saltna l-ġdida f'Fidi waħda, f'fehma waħda, f'imħabba waħda, f'tama waħda, u f'mixja waħda lejn is-sema.

Ħa tinbidel, mela, maħbubin ħuti, l-imħabba impetratorja tal-Papa Ġwanni Pawlu II f'isimna, u ssir imħabba interċedenti għalina, fiċ-ċertezza li, kif qalilna l-Kardinal Joseph Ratzinger waqt l-omelija funebri ta' nhar il-Ġimgħa li għaddha, il-Missier Imqaddes "li ħalliena" mhux veru ħalliena, imma se jibqa' magħna, u "mit-tieqa tad-dar ta' Missierna qed jarana u jberikna".

# DOKUMENTAZZJONI RIGWARDANTI L-PURĊISSJONI TAL-ĠIMGĦA L—KBIRA 2005

Il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tas-sena 2005 kienet mogħnija bil-permess ekkleżjastiku meħtieġ biex toħroġ nhar il-Ġimgħa l-Kbira fil-għodu, kif kien ilu li tħabbar, imma, b'deċiżjoni libera tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, liema deċiżjoni l-Parroċċa ħaditha f'konsultazzjoni ma' l-isqof u favur id-dinjità tal-Knisja Lokali li kienet qed tiġi mkasbra, ħarġet nhar l-Erbgħa tat-Tniebri.



*Ritratt antik tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira meta kienet toħroġ biss minn San Ġorġ*

Waqt konferenza stampa li saret it-Tnejn, 21 ta' Marzu 2005, fl-4 p.m., fiċ-Ċentru Parrokkjali ta' San Ġorġ, tħabbar li, fil-kwistjoni li fir-rigward tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li kellha toħroġ nhar il-Ġimgħa l-Kbira fil-għodu, il-Parroċċa ta' San Ġorġ, f'konsultazzjoni ma' l-entitatijiet parrokkjali, riedet tibqa' sħiħa fl-għaqda tagħha ma' l-Isqof Djoċesan u riedet timxi fuq ix-xewqat tiegħu.

Preżenti għal din il-konferenza kien hemm l-Arcipriet, Mons Ġużeppi Farrugia, il-Viċi President tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali s-Sur Antoine Vassallo, il-President tas-Soċjetà 'La Stella' s-Sur Dolindo Cassar, u l-Avukat Dr Emmanuel Mallia, konsulent legali.

F'din il-konferenza ġiet rilaxxata stqarrija li nqrat u ġiet spjegata mill-Avukat Mallia, kif ukoll żewġ ittri, waħda ta' Mons. Isqof Nikol Cauchi mibgħuta lill-Arcpriet Farrugia u oħra ta' Dun Eddie Zammit, inkarigat mill-Isqof, lill-President ta' La Stella'.

Il-konferenza stampa ġiet trasmessa direttament fuq ir-radju tal-Parroċċa 'Leħen il-belt Victoria'.



*Il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-2005 waqt il-ħruġ tagħha*



Ċentru Pastorali "Ragħaj it-Tajjeb"
Triq Sir Paul Boffa, Victoria VCT 106, Għawdex. Tel: 2155 1966

21 ta' Marzu, 2005

Is-Sur Dolindo Cassar
President
Soċjeta' La Stella
Triq ir-Repubblika
Victoria

Għaziz Sur Cassar,

Fid-dawl tas-soluzzjoni tal-pendenza li nholqot dan l-ahhar fir-Rabat, bhala saċerdot inkarigat mill-Isqof biex ngħin fil-medjazzjoni, nixtieq minn qalbi nrodd hajr lilek, lill-kumitat, lill-Bandisti u s-soċi kollha tas-soċjeta' għall-kooperazzjoni u l-parti attiva u siewja li hadtu fid-djalogu kostruttiv li kellna biex stajna naslu għall-soluzzjoni.

Minn qalbi nawgura li dan is-sens għoli ta' responsabilita' li nhares jibqa' jidher u jinhass dejjem f'dak kollu li nagħmlu.

Tislijiet!

D. Eddie Zammit
Dun Eddie Zammit

*Ittra tad-Delegat ta' l-isqof lis-Soċjetà 'La Stella'*



*Waqt il-Konferenza stampa: L-Arċ. Mons Ġużeppi Farrugia, Dr Emanuel Mallia u s-Sur Dolindo Cassar*

**L-ITTRA LI L-ISQOF TA' GĦAWDEX, MONS NIKOL Ġ. CAUCHI, PERMEZZ TAD-DELEGAT TIEGĦU, BAGĦAT LILL-ARĊIPRIET MONS ĠUŻEPPI FARRUGIA, NHAR IT-TNEJN, 21 TA' MARZU 2005, FILGĦODU.**



DIOCESE OF GOZO
P.O. BOX 1,

Rev.mo Mons Ġużeppi Farrugia STD,
Arċipriet ta' San Ġorġ,
Uffiċċju Parrokkjali,
Victoria, Gozo.

Għażiż Arċipriet,

Nilqa' bi pjaċir kbir, ir-risposta li twasslitli kmieni dolgħodu, li wara insistenza personali tiegħi intom aċċettajtu proposta ta' soluzzjoni mressqa minni. Dan sar b'sens ta' maturità li jagħmel ġieħ lill-komunità nisranija.

Jiena nappreżza li f'dawn l-aħħar ġranet kemm ilha għaddejja l-medjazzjoni, intom ipprovajtu dejjem tifhmu l-ansjeta' u d-dwejjaq tiegħi, u għamiltu ħilitkom kollha biex tagħtu sinjali ta' mħabba filjali lejja.

Fl-aħħarnett minn qalbi nirringrazzja lilek, lill-komunità tiegħek, kif ukoll lill-medjaturi, li b'kollaborazzjoi flimkien irnexxielkom taqtgħu x-xewqa tiegħi.

Nitlob fuqkom il-Barka t'Alla.

Tiegħek fi kristu,

**+Nikol Ġ. Cauchi**
Isqof ta' Għawdex

# STQARRIJA GĦALL-MEZZI KOLLHA TAX-XANDIR RILAXXJATA WAQT KONFERENZA STAMPA LI SARET IT-TNEJN, 21 TA' MARZU 2005, FL-4 TA' FL-GĦAXIJA

Il-Kunsill Pastorali Parrokkjali tal-Bażilika ta' San Ġorġ, f'konsultazzjoni mas-saċerdoti tal-Parroċċa ta' l-istess imsemmija bażilika, kif wkoll id-diriġenti tas-Soċjeta' Filarmonika La Stella, mwaqqfa fi ħdan il-Parroċċa indikata, iltaqgħu kmieni dalgħodu u matul l-aħħar sigħat sabiex jieħdu deċiżjoni rigwardanti l-kontroversja illi nqalgħet dawn l-aħħar ġimgħat rigward il-proposta tagħhom illi, din is-sena, il-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ssir fil-25 ta' Marzu, 2005 fil-għodu bejn id-9a.m. u nofs inhar.

F'dawn il-laqgħat ġie deċiż unanimament illi, rigwardanti din il-kwistjoni hemm ċerti prinċipji illi ma jistax ikun hemm kompomessi dwarhom. Dawn huma l-lealta' sħiħa illi s-saċerdoti għandu jkollhom lejn l-isqof tagħhom. Il-maturità, l-għaqal u l-ġid pastorali jiddettaw illi l-ewwel u qabel kollox, taqbel jew ma taqbilx ma' xi deċiżjoni li jieħu l-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof, kull diskussjoni għandha tibda u tispiċċa miegħu. Kull tentattiv ieħor, inkluż xi kliem deplorevoli fl-istampa lejn ir-rappresentant ta' Kristu f'Għawdex, jagħmel biss deni u jbaxxi biss lil min jgħidu. Prinċipju ieħor sagrosant hu illi l-interess uniku u aħħari ta' din il-kwistjoni għandu jkun wieħed reliġjuż u mhux xi sens ta' partiġġjaniżmu biex wieħed jissodisfa lil min jgħix bil-pika u mhux bir-raġuni.

Dan premess, il-laqgħa tal-persuni hawn fuq indikati xtaqet tistipula ċerti fatti ħalli din il-kwistjoni titpoġġa fil-vera perspettiva tagħha. Dawn huma s-segwenti:-

1. Hu veru illi fil-5 ta' Marzu 1976 kien sar arranġement illi il-proċessjoni tal-Passjoni mis-sena 1977 tibda toħroġ minn kull waħda taż-żewġ knejjes ċioe' mill-Bażilika ta' San Ġorġ u mill-Kattidral fil-jum propju tagħha b'mod alternattiv, sena iva u sena le, b'dan pero' illi l-parti li fis-sena ma toħroġx tali proċessjoni fil-jum propju tkun tista tagħmel dan f'jum ieħor basta jkun jum tar-Randan. Fis-snin meta l-Parroċċa ta' San Ġorġ ma kinetx torganizza din il-proċessjoni fil-jum propju, hija kienet tagħmel dan f'Ħamis ix-Xirka.

2. Peress illi l-Knisja Kattolika ddedikat is-sena 2005 għall-adorazzjoni ta' l-Ewkaristija, il-Kunsill Parrokkjali ta' San Ġorġ ressaq proposta sabiex għal din is-sena, il-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ssir fil-jum propju, pero' fil-għodu, mid-9 a.m. sa nofs inhar. B'dan, il-Kunsill ħass illi jkun qed jassigura illi bl-ebda mod ma jkun qed itellef mid-devozzjoni tal-fidili lejn l-Ewkaristija fis-sena fejn il-Knisja Kattolika għażlet dan il-jum bħala wieħed speċjali.

3. Il-Kunsill kien biss qed jipproponi. Ma ħa l-ebda deċiżjoni iżda kif solitu isir u kif inhu fid-dover li jagħmel, talab lill-Arċipriet sabiex iressaq dan is-suġġeriment lill-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof ta' Għawdex. Kien biss wara li l-Eċċellenza Tiegħu għal raġunijiet pastorali qabel bażikament ma' din l-idea, li kemm il-Parroċċa, kif wkoll is-Soċjeta' La Stella, talbet lill-awtoritajiet ċivili għall-permessi neċessarji. Hekk kellhom isiru preliminarjament l-affarijiet; fi ħdan u taħt l-awtorità ekkleżjastika.

4. Jidher illi dan il-ħsieb pastorali ma niżilx tajjeb ma' kwartieri oħra fil-Belt Victoria. Jidher illi l-awtorità ċivili rċeviet applikazzjoni sabiex fil-jum tal-Ġimgħa l-Kbira fil-għodu jsir kunċert ta' marċi mis-Soċjeta' tal-Banda fi ħdan il-Kattidral. Rinfaċċata b'dawn iż-żewġ applikazzjonijiet l-awtorità ċivili ċaħdithom it-tnejn.

5. Permezz tal-Konsulent Legali ġie intavolat appell minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bord ta' l-Appelli tal-pulizija. Rinfaċċjat b'din is-sitwazzjoni, l-Eċċellenza Tiegħu iddikkjara quddiem it-Tribunal ta' l-Appelli illi bejn applikazzjoni biex issir proċessjoni devozzjonali tal-Ġimgħa l-Kbira u bejn applikazzoni biex isiru marċi fl-istess ħin, hu kien jagħti prijorità lill-proċessjoni. Ta' dan, jidher illi l-Isqof ġie kkritikat bl-aħrax fl-istampa mill-Arċipriet dimess tal-Katidral. Fl-umili fehma tal-persuni kollha mlaqqa fil-laqgħa tallum, dan kien imissu jaf aħjar.

6. Rinfaċċat b'din is-sitwazzjoni l-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof Nikol Cauchi pprova bħala Ragħaj Tajjeb isib soluzzjoni, bejn iż-żewġ naħat. Saru wkoll tentattivi ta' medjazzjoni. IL-Kunsill Pastorali kien pjenament aċċettanti li jilqa'dak propost lilu ħalli tinstab soluzzjoni.

7. Il-bieraħ l-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof ta' Għawdex Nikol Cauchi talab lir-Reverendu Arċipriet Monsinjur Ġużeppi Farrugia sabiex iwassal soluzzjoni proposta mill-imsemmi Isqof. Mons Farrugia għamel dan b'umiltà, mingħajr ebda arroganza u b'sens Nisrani kbir. Il-laqgħat tallum saru fl-isfond tar-rikjesta ta'l-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof ta' Għawdex.

In vista tal-fatti hawn fuq elenkati, il-Kunsill Pastorali Parrokkjali tal-Bażilika ta' San Ġorġ, is-saċerdoti tal-istess Parroċċa u s-Soċjetà La Stella studjaw bir-reqqa t-talba u proposta ta' l-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof Cauchi, affermaw il-lealtà sħiħa lejn l-Eċċellenza Tiegħu u qiesu illi f'din il-Ġimgħa Mqaddsa ma għandu jsir xejn x'itellef mir-reliġjożità tat-tifkiriet qaddisa.

Minħabba f'dan huma qegħdin jaċċettaw il-proposta magħmula lilhom u immedjatament qegħdin jintavolaw applikazzjoni sabiex il-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ssir f'jum ieħor. Huma jistennew risposta posittiva mingħand l-awtoritajiet ċivili in vista tax-xewqa ta' l-Eċċellenza Tiegħu stess illi din is-sena, għar-raġunijiet ġa msemmija, il-proċessjoni m'għandiex issir Ħamis ix-Xirka.

Fl-aħħarnett kemm l-Arċipriet u sew is-Soċjetà La Stella jirringrazzjaw lill-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof ta' Għawdex għall-ittra li irċevew mingħandu illum. Huma jassigurawħ illi ser jgħożżu din l-ittra biex tinżel fl-istorja ta' din il-Parroċċa u s-Soċjeta Filarmonika.

*Jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

***Messaġġ lill-qarrejja mill-Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia***

quddiesa hija l-aqwa att ta' qima lejn il-Misteru ta' l-Ewkaristija, imma, għal dawk li jixtiequ jsiru qaddisin, is-sehem fil-quddiesa m'hux biżżejjed. Hija meħtieġa wkoll l-adorazzjoni quddiem it-tabernaklu. Ejjew nitħeġġu biex, f'din is-sena ta' l-Ewkaristija, insiru adoraturi ta' Ġesù fl-Ewkaristija.

## NIFIRĦU LIL DUN JOE ZAMMIT

Fl-istess jum li fih, fl-għaxija, jintemmu l-Kwaranturi Solenni fil-bażilika ta' San Ġorġ, fil-knisja arċipretali tal-Qala, fil-għodu, is-saċerdot mill-Parroċċa tagħna, Dun Joe Zammit, jingħata l-pussess bħala arċipriet ġdid. F'din l-okkażjoni, Mons. Isqof qed jagħmlu Kanoniku Onorarju fil-bażilika Ġorġjana u għalhekk igawdi l-privileġġi kollha ta' membru tal-Kapitlu Urban. Lill-arċipriet elett nawgurawlu u nixtiqulu kull ġid. Imma fuq kollox nitolbu għalih sabiex isib kull għajnuna, jiġifieri kull grazzja mis-sema u kull kollaborazzjoni minn fost il-merħla spiritwali tiegħu, ħalli jwettaq b'mod sħiħ il-ministeru ġdid li l-Mulej sejjaħlu għalih fil-Knisja.

## GRAZZI LI LQGĦAJTUNI F'DARKOM

Issa li temmejt il-jiem tat-tberik tad-djar, inħoss li għandi nirringrazzja lil dawk li laqgħuni fid-dar tagħhom. Huwa tabilħaqq privileġġ għar-ragħaj ta' l-erwieħ li jidħol fid-djar tal-membri tal-Komunità Parrokkjali tiegħu u jiltaqa' ma' dawk li jgħixu fihom. Naf li mhux kulħadd ikun jista' jbierek u jista' jiġri wkoll li bi żball jinqabżu xi wħud, kif naf li ġara din is-sena wkoll. Madankollu jiena lest li niġi f'kull ġurnata li tkun aktar konvenjenti. It-tberik tad-dar hija wkoll okkażjoni biex wieħed jitkellem anki għal ftit minuti, kif ukoll biex isiru appuntamenti għal laqgħat oħra. Jiena, fil-marġini tal-possibiltajiet li għandi, nagħmel mill-aħjar biex dawn isiru.

## EKU TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA

F'din ir-rivista qed tiġi ppublikata xi dokumentazzjoni marbuta mal-ġrajjiet li seħħew fir-Randan li għaddha fil-konfront ta' Monsinjur Isqof u tal-Parroċċa tagħna. Kulħadd jista' jifforma l-fehma tiegħu dwar x'ġara, imma sabiex ikun korrett, kulħadd għandu jfittex li jkun jaf tabilħaqq x'ġara. Li nista' ngħid, għalissa, hu li l-Parroċċa ta' San Ġorġ imxiet f'għaqda ma' l-Isqof, liberament umiljat ruħha għall-veru ġid ta' l-erwieħ u tħossha onorata li wriet maturità f'mumenti tabilħaqq diffiċli. Jiena rrid nifraħ lil dawk kollha, speċjalment lis-Soċjeta' La Stella, li tabilħaqq fehmu s-sens ta' dak li kien qed jiġri u taw prijorità lil dawk l-affarijiet li għandhom prijorità.

## IĊ-ĊENTRU PARROKKJALI U L-KAPPELLA L-ĠDIDA

Xi"xogħol fuq il-proġett taċ-Ċentru Parrokkjali kellu jieqaf għal dawn l-aħħar xahrejn minħabba li, għal raġunijiet li ma kellniex kontroll fuqhom, waqaf ix-xogħol fuq il-bini tal-koppla tal-kappella l-ġdida. Nittama li sa meta tkunu qed taqraw dan, ir-ritmu il-ħidma jkun reġa' qabad ħalli dan il-proġett jitlesta u jibda jitħaddem! Il-madum kważi kollu lest; nofs it-taraġ tar-rħam ukoll, l-aperturi qed jingħalqu, id-dawl fis-sular li jmiss għandu jsir u l-apparat tal-kċina dalwaqt jinġieb. Iċ-Ċentru Parrokkjali u l-Kappella l-ġdida, meta jitlestew, se jkunu żewġ monumenti uniċi oħra fi għżiritna tal-Ġublew il-Kbir tat-Tielet Millennju Nisrani u tas-17-il Ċentinarju ta' San Ġorġ.

## IL-KOMUNITA' ANGLIKANA F'SAN ĠORĠ

Nhar it-23 t'April, fil-11.00am, l-Insara li joqgħodu f'Għawdex u li jagħmlu partri mill-Komunjoni Anglikana, se jiddedikaw ruħhom bħala komunità lill-Verġni Mqaddsa u lil San Ġorġ waqt ċelebrazzjoni li, bil-permess ta' l-isqof u bil-kollaborazzjoni tl-Kapitlu Ġorġjan, se ssir fil-bażilika ta' San Ġorġ. Kif jaf kull min hu midħla tagħna, din il-Parroċċa tal-Belt Victoria tagħti importanza xierqa lir-rabtiet ekumeniċi li jgħaqqdu lilna l-Insara Kattoliċi ma' ħutna Ortodossi u Anglikani. L-ospitalità li ta' sikwit nagħtu lill-Anglikani hu sinjal ta' l-imħabba tagħna lejhom. Nawgurawlhom u nitolbu għalihom.

## IL-JUM MONDJALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Donnu li se sseħħ il-ħolma li l-Parroċċa tagħna tkun rappreżentata fil-Jum Mondjali taż-Żgħażagħ li l-Knisja Kattolika, f'Awwissu li ġej, se torganizza f'Köln, il-Ġermanja. Diġa' għandna numru sabieħ ta' żgħażagħ, minn dawk li spiċċaw il-Form 5 'il fuq, li tħajru, u jiena diġa' ltqajt magħhom fuq is-suġġett. Il-ħsieb hu li niffurmaw parti minn delegazzjoni djoċesana, u eventwalment nazzjonali, u li mbagħad, bħala grupp tal-Parroċċa, fi triqtna lura lejn Għawdex, nieqfu u ngħaddu xi jiem f'Ruma. Dwar din il-mawra għal Jum iż-Żgħażagħ fil-Ġermanja se ssir laqgħa ta' informazzjoni, nhar il-Ħadd, 17 ta' April, fit-8.00pm fiċ-Ċentru Parrokkjali.

## IL-BENEFATTURI ĠORĠJANI

Bil-kliem hu faċli li ngħidu li nħobbu lil San Ġorġ, imma l-kliem mingħajr il-fatti ma jiswa xejn. Il-veri Ġorġjani huma dawk li huma wkoll benefatturi ta' San Ġorġ. Il-veri Ġorġjani huma dawk li jmiddu jdejhom għal San Ġorġ, dawk li jikkollaboraw fil-ħidma pastorali li ssir minn San Ġorġ, dawk li jikkontribwixxu bi flushom għall-ispejjeż straordinarji li jkollu jew għal xi proġett li jkun qed isir ġo San Ġorġ, dawk li jiddefenduh b'lealtà u ma jagħmlux kritika distruttiva, dawk li jsostnuh bil-pastorali tax-xandir bir-radju jew l-istampa jew joħolqu inizjattivi ġodda ta' ħidma spiritwali, dawk li jistinkaw sabiex isir dejjem aktar magħruf bħala ċentru ta' kultura Nisranija, u post ta' interess turistiku. Lil dawn il-benefatturi ma ninsewhom qatt. ●

## IL-WEBSITE TA' SAN ĠORĠ:

**www.stgeorge.org.mt**

- Idħlu fiha ħa tkunu tafu x'inhu jiġri fil-Parroċċa tagħkom.
- Għadduha lil xulxin u agħtuha lill-emigranti li għandkom.
- Ibagħtu messaġġi fuqha permezz tal-Guestbook.
- Agħtu s-suġġerimenti tagħkom biex titjieb.
- Qed tiġi "updated" regolarment, diversi drabi fil-ġimgħa.